Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# KUMPILAZZJONI NRU. 234/04: IL-PULIZIJA (ASSISTENT KUMMISSARJU IAN JOSEPH ABDILLA) V. PATRICK SPITERI (KI. 43465M)

(APPROPRJAZZJONI INDEBITA AGGRAVATA– KAP. 9 ART 293, 294)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**10 ta' Novembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Patrick Spiteri ta' 39 sena, bin Joseph u Maria nee' Borg, imwieled Attard fis-26 ta' Diċembru 1964, u li joqgħod f'San Anton, Wardija Hill, Wardija, bil-karta tal-identità numru 43465M ("l-Imputat", "l-Akkużat" jew "id-Difiża"),

wara li rat l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali nhar is-16 ta' April 2007[1],

wara li rat li fit-30 ta' April 2010 ġew moqrija l-Artikoli u l-imputat iddikjara li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[2],

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

---

[1] Fol 236
[2] Fol 273

wara li fliet it-*transcripts* tax-xhieda kollha li tressqu fil-kawża u rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li kif presjeduta semgħet ukoll numru ta’ xhieda,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Stefano Filletti,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2004 bis-segwenti akkuża:

    1. talli bejn l-1 ta’ Awwissu 2003 u l-31 ta’ Awwissu 2003, f’dawn il-Gżejjer b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda approprija ruħu, billi dawwar. bi profitt għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' iktar minn LM22,000 (illum ekwivalenti għal € 51,246.21) għad-dannu ta’ Stanley M. Brooks, Luigi Riitano, u tal-kumpanija Once Upon A Time Films, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga, jew servizz tiegħu (Kap. 9, Art. 293, 294).

2. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Din il-kawża rat il-bidu tagħha iżjed minn sittax-il sena ilu u għaddiet minn taħt seba’ ġudikanti differenti sakemm ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta b’effett mill-10 ta’ Mejju 2019. Iċ-ċirkustanzi u r-raġunijiet li wasslu għal dan id-dewmien kollu kienu varji – għal xi snin il-kawża ma’ setgħetx titkompla għaliex l-imputat kien jinsab assenti minn pajjiżna – iżda hu x’inhu finalment il-Prosekuzzjoni u l-Avukat tad-Difiża trattaw il-każ fis-27 ta’ Lulju 2020 meta dakinhar il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

4. Il-Qorti kif presjeduta tat żewġ digrieti interlokutorji fil-kors tal-kawża, ċioe: id-digriet tat-12 ta' Diċembru 2019[3] meta l-Qorti ordnat l-isfilz tal-istqarrija tal-imputat li kienet ġiet ippreżentata mill-Uffiċjal Prosekutur fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2004[4], kif ukoll id-digriet tal-24 ta' April 2020[5] meta l-Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda kollha li ngħatat fil-kawża minn Luigi Riitano (inkluż il-verżjoni maqluba għall-Malti)[6].

**L-artikoli applikabbli tal-liġi**

*Il-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)*

5. L-Artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kif ġej:

'293. Kull min jappropra ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:

Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.'

6. L-Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

'294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.'

**Provi tal-Prosekuzzjoni**

7. Fost ix-xhieda li tressqu mill-Prosekuzzjoni, fil-15 ta' Ġunju 2004 xehed l-**Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla**[7] (dak iż-żmien Spettur) u stqarr li fit-22 ta' Diċembru tas-sena 2003 il-Pulizija kienet ġiet avviċinata minn ċertu Luigi Riitano ta' nazzjonalità Taljana residenti f'Malta, assistit minn dak iż-żmien l-avukat tiegħu Dr. Martin Fenech. Is-Sur Riitano kien spjega lill-Pulizija li għall-ħabta ta' Marzu tal-

[3] Fol 610
[4] Fol 30-33
[5] Fol 624
[6] Fol 35-105, 107-115
[7] Fol 18-24

2001 huwa kien avviċina lil Dr. Patrick Spiteri biex iwaqqfu kumpanija tal-films hawn Malta u jipprovaw jattiraw business tal-*films* lejn Malta. Kienet twaqqfet kumpanija bl-isem Dolphin Film Productions Ltd fejn waħda mill-*jobs* ta' din il-kumpanija kien li jinħadem film bl-isem The Terrible Hours minn kumpanija barranija, liema kumpanija għandha l-isem Once Upon A Time Films. Skond l-arranġament li sar bejn id- Dolphin Film Productions Ltd u l-Once Upon A Time Films il-kumpanija barranija, din tal-aħħar kellha titfa' flus fl-accounts tal-kumpanija Dolphin Film Productions Ltd u min-naħa tagħha l-kumpanija Dolphin Film Productions Ltd kellha tħallas l-ispejjeż tal-production tal-film The Terrible Hours inkluż spejjeż ta'extras u tas-sett. Żied jgħid li kien hemm arranġament illi meta l-film ikun lest, I-accounts tal-production kellhom jiġu magħluqin, tiġi submitted l-VAT Return lid-Dipartiment tal-VAT u li kwalunkwe VAT Refunds li jkun hemm fuq il-production kellhom jgħaddu lura lil Once Upon A Time Films.

Żied jgħid illi Luigi Riitano kien spjega li l-unika kondizzjoni li kien hemm kienet li I-VAT Refund ma jingħatax lill-kumpanija Once upon a Time Films sakemm il-kontijiet kollha taI-production taI-film ma jkunux imħallsin. Żied jgħid Ii meta l-production kienet lesta, is-Sur Luigi Riitano kien avviċina lil Raymond Gatt tal-Mosta biex dana jipprepara I-claim għall-VAT Return. Żied jgħid li s-Sur Gatt kien ipprepara l-claim biss qabel dina ntbagħtet kienu ġew avviċinati Dr. Patrick Spiteri u s-Sur Luigi Riitano u kien ġie deċiż illi ħu Patrick Spiteri, u ċioe Ray Spiteri jiffirma għall-claim peress illi l-VAT number tal-kumpanija kien qiegħed fuq ismu. Ma kienx hemm oġġezzjoni u sa fejn jaf hu fit-13 ta' Awissu tas-sena 2003 il-claim kienet ġiet ippreżentata lid-Dipartiment tal-VAT.

L-istess xhud żied jgħid illi f'Novembru tas-sena 2003 Luigi Riitano u Ray Gatt, I-Accountant, kienu avviċinaw lid-Dipartiment tal-VAT biex jaraw f'liema stadju kien wasal il-proċess dwar il-VAT claim u kienu ġew infurmati Ii l-claim kienet diġà ġiet ipproċessata. Ħaġa stramba Ii huma nnutaw kienet li dina kienet ġiet ipproċessata fi żmien jumejn (2) u li ċ-ċekk kien inħareġ u ntbagħat mill-VAT Department. Fil-fatt kien inħareġ ċekk fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf tmien mija disgħa u ħamsin liri Maltin u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm22,859.67).

Żied jgħid li dan iċ-ċekk kien ġie depożitat fl-20 ta' Awissu 2003, fl-account ta' Dolphin Films Productions Limited, Account The Terrible Hours. Żied jgħid li sussegwentement dawn it-tnejn u għoxrin elf tmien mija u disgħa u ħamsin liri Maltin u sebgħa u sittin ċenteżmi (Lm 22,859.67) ġew miġbuda b'żewġ (2) withdrawals, wiehed fil-21 ta' Awissu, 2003, voldieri 'l għada, wieħed fl-ammont ta'

sebat elef mitejn u ħamsa u għoxrin liri Maltin u għoxrin ċenteżmi (Lm 7,225.20) u ieħor fis-26 ta' Awissu, 2003 fl-ammont ta' ħmistax-il elf seba' mija u tnax-il liri Maltin u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm 15,712.31). B'dan il-withdrawal l-account ta' The Terrible Hours kien ġie magħluq.

Żied jgħid illi f'dan l-account qabel ma kien iddaħħal id-deposit tal-VAT li semma, kien hemm sebgħa u sebgħin liri Maltin u erbgħa u tmenin ċenteżmu (Lm77.84). In-numru ta' dan l-account huwa 400 104 438 24, huwa account mal-Bank of Valletta fil-branka tal-Balluta. Ix-xhud esebixxa kopja fotostatika ta' dan il-kont li jindika d-deposits tac-cheques tal-VAT refund (Dok. IJA2). Esebixxa ukoll kopja fotostatika ta' estratt minn Statement of Account (Dok. IJA3) flimkien ma' kopja fotostatika ta' withdrawal fl-ammont ta' sebat elef mitejn u ħamsa u għoxrin liri Maltin u għoxrin ċenteżmu (Lm 7,225.20) – Dok IJA4. Ġiet esebita ukoll mix-xhud kopja fotostatika ta' withdrawal ieħor li huwa fl-ammont ta' ħmistax-il elf, seba' mija u tnax-il liri Maltin u wiehed u tletin ċenteżmi (Lm15,712.31) - Dok. IJA5.

Skond ix-xhud kemm fuq id-Dokument IJA4 kif ukoll fuq id-Dokument IJA5 hemm indikati l-firem ta' Raymond Spiteri, I.D. 317659(M) u ta' Patrick Spiteri 43565(M), u illi għalkemm ma' kienx ċert dwar il-firma ta' Raymond Spiteri, kien ċert li qiegħed jagħraf il-firma tal-imputat Patrick Spiteri fuq dan id-dokument. Fir-rigward tad-dokument Dok. IJA5 hemm firem, żewġ firem, liema firem jixxiebhu għal dawk Ii hemm fuq id-Dok. IJA4. Però, żied jgħid l-istess xhud, fir-rigward ta' Dok. IJA5 kien ukoll qed jagħraf il-firma ta' Patrick Spiteri, liema persuna huwa ddikjara ukoll illi kien qed jagħraf bħala l-imputat preżenti fl-Awla.

Ix-xhud kompla jispjega li sussegwentement Luigi Riitano kien avviċina lil Patrick Spiteri fuq dana l-każ u Patrick kien qallu li peress li kien il-majority shareholder tal-kumpanija Dolphin Film Productions Ltd, il-flus kienu tieghu u li kellu bżonn il-flus biex huwa jħallas xi kontijiet u Dr. Patrick Spiteri kien irrifjuta li jgħaddi l-flus lil Luigi Riitano. Sussegwentement, fil-25 ta' Frar tas-sena 2004, ix-xhud kien ħa l-istqarrija tal-imputat ġewwa l-uffiċju tiegħu. Kif jingħad iktar 'l fuq, il-Qorti sfilzat din l-istqarrija permezz tad-digriet tagħha tat-12 ta' Diċembru 2019. Għalhekk m'hijiex ser tikkwota l-ebda riferenza għal din l-istqarrija li saret fix-xhieda ta' dan ix-xhud.

Ix-xhud esebixxa ukoll il-fedina penali tal-imputat bħala Dok IJA7.

In kontroeżami, l-istess xhud stqarr illi l-kumpanija Once Upon A Time Films

hija kumpanija barranija u mhijiex reġistrata hawn Malta.. Però minn verifiki li għamel sab illi biex kumpanija barranija tkun tista' tagħmel film hawn Malta irid ikollha jew bħala kumpanija sussidjarja reġistrata hawn Malta jew kumpanija Maltija. Il-kumpanija Once Upon A Time Films ma' kkunttatjatx lix-xhud. Wara li l-każ ġie rrapportat lill-Pulizija, Luigi Riitano kien ngħata Power of Attorney mill-kumpanija Once Upon A Time Films biex jaġixxi għan-nom tagħha fuq l-interessi kollha tagħha hawn Malta. In kwantu għal Stanley M. Brooks, ix-xhud stqarr li sa fejn jaf hu dan huwa direttur tal-kumpanija Once Upon A Time Films li mhijiex reġistrata hawn Malta. Qal ukoll illi huwa qatt ma ra Memorandum u Articles of Association tal-imsemmija kumpanija u lanqas jaf fejn qiegħda reġistrata barra minn Malta. Huwa qatt ma' kellmu lil Stanley M. Brooks u dan qatt ma' għamel kuntatt miegħu u lanqas għamel xi kwerela.

L-Assistent Kummissarju, dak iż-żmien, Spettur Abdilla kompla jispjega li l-unika *parte civile* li kellem kien Luigi Riitano. Jgħid illi in kwantu għall-kumpanija Dolphin Film Company Limited sa fejn naf hu Luigi Riitano m'huwiex shareholder f'din il-kumpanija. Kien direttur però imbagħad tneħħa. Jikkonferma illi la dana Luigi Riitano ma kienx shareholder tal-istess kumpanija, allura ma kienx owner tagħha u ċioe tad-Dolphin Film Company Limited. Mistoqsi mill-avukat difensur jekk allura Riitano kienx impjegat tal-istess kumpanija huwa wieġeb iva. Ma' kienx f'posizzjoni jgħid min huma d-diretturi u s-shareholders tal-kumpanija Once Upon A Time Films għaliex huwa ma rax l-Articles u l-Memorandum of Association tagħha.  Bħala stat ta' fatt ma' kienx f'posizzjoni jiddikjara jekk dina filfatt teżistix jew le. Qal illi huwa aġixxa u mexxa din il-kawża stante l-kwerela li rċieva minn Luigi Riitano f'ismu personali kif ukoll f'isem Stanley M. Brooks u l- kumpanija Once Upon A Time Films. Però x-xhud baqa' ma vverifikax ma' Stanley M. Brooks l-awtenticita'tal-Power of Attorney li Stanley M. Brooks allegatament għamel lil Luigi Riitano u lanqas ma' vverifika l-istess mal-kumpanija Once Upon a Time Films. Lanqas ma' ċċekkja ir-relazzjoni li kien hemm bejn Stanley M. Brooks u l-kumpanija Once Upon A Time Films. Qal illi I-VAT claim saret mill-kumpanija Dolphin Film Company Limited u li l-VAT refund mid-Dipartiment tal-VAT sar lill-istess kumpanija. Qabel ukoll illi l-proprjetà ta' din il-kumpanija tappartjeni kwantu għal 99 shares lill-kumpanija fejn l-imputat huwa azzjonista maġġorenni u kwantu għal share wieħed lil Raymond Spiteri. Iċ-ċekk tar-refund mill-VAT Department inħareġ f'isem id- Dolphin Film Company Limited.

8. Fil-15 ta' Ġunju 2004 u fit-18 ta' Ġunju 2004 xehed il-parte civile Luigi Riitano però kif ingħad iktar 'l fuq il-Qorti sfilzat din ix-xhieda permezz tad-digriet tagħha tal-24

ta’ April 2020 peress illi l-istess xhud baqa’ ma’ ppreżentax ruħu għall-kontroeżami minkejja li ġie mgħarraf għal diversi drabi mill-Prosekuzzjoni sabiex jagħmel dan (ara fost oħrajn fol 298).

9. Fit-18 ta’ Ġunju 2004 id-difiża, bil-permess tal-Qorti, ippreżentat *inter alia* kopja ta’ Form K sottomessa mill-imputat għan-nom tal-kumpanija Dolphin Film Productions Limited li permezz tagħha r-Reġistratur tal-Kumpaniji ġie infurmat illi Luigi Riitano kien tneħħa minn direttur ta’ din il-kumpanija b’effett mis-27 ta’ Frar 2004[8].

10. Fit-18 ta’ Lulju 2005 xehed l-**Ispettur Paul Vassallo** fejn spjega li huwa kien qed immexxi xi investigazzjonijiet fil-konfront tal-imputat Dr Patrick Spiteri u dan xi sentejn qabel. Huwa kellu allura jara l-involvimenti ta' l-imsemmi imputat f’xi kumpaniji fosthom il-kumpanija Dolphin Film Productions Ltd. Huwa kien kellem lill-istess imputat dwar din il-kumpanija fejn l-imputat kien spjegalu li din il-kumpanija kellha x'taqsam ma diversi proġetti illi jirrigwardjaw id-dinja tal-films. Ix-xhud qal li huwa kien innota illi mniżżel bħala Direttur f’din il-kumpanija kien hemm imniżżel ukoll ċertu Luigi Velluca Riitano. Ix-xhud kien kellem ukoll lil Riitano fejn dan kien qallu li tramite l-kumpanija Dolphin Films kienu għamlu proġett wieħed u dan ma’ setax jagħlqu għaliex kien għad irid jiġbor xi karti mingħand Dr Spiteri sabiex dan ikun jista' jagħmel it-talba lil VAT Department biex huwa jieħu lura xi flus u jkun jista' jirrimettihom ljll-kumpanija estera Ii kienet għamlet il-proġett tramite il-kumpanija Dolphin Films. Xi jiem wara li kellu l-ewwel darba, Riitano reġa avviċina lix-xhud u qallu li huwa kien mar ikellem lil VAT Department u sar jaf illi l-VAT dovuta fuq il-proġett Ii kienu ħadmu kienet ġiet imħallsa lill-imputat Dr Spiteri. Stante illi l-qasam tal-VAT ma’ kienetx kompetenza tiegħu x-xhud imbagħad għadda l-każ lill-Ispettur Abdilla għal aktar investigazzjonijiet.

11. Fit-18 ta’ Lulju 2005 l-**Assistent Kummissarju Ian Abdilla** esebixxa bħala Dok SP1 l-*Memorandum and Articles of Association* ta’ Dolphin Film Productions Ltd a fol 168.

12. Fil-5 ta’ Settembru 2006 xehed **PS 494 Gordon Borg.** Din it-testimonjanza però m’hijiex ta’ rilevanza stante illi titratta esklussivament l-istqarrija li kien ta l-imputat, liema stqarrija kif ingħad ġiet sfilzata minn din il-Qorti.

---

[8] Fol 117

13. Fil-5 ta' Settembru 2006 ukoll xehed **Joseph Borg Cardona** in rappreżentanza ta' Bank of Valletta p.l.c. li spjega li mill-verifiki li għamel rigwardanti l-bank account numru 11947740014 f'isem Stanley Mark Brookes sab kont wiehed US Dollars numru 11947740014 li nfetaħ fl-24 ta' Settembru tas-sena 2001 u ngħalaq fil-25 ta' Novembru tas-sena 2005. Rigwardanti dan il-bank account ix-xhud esebixxa Dok BCJ 1. Esebixxa ukoll bħala Dokk BCJ 2 dokument rigwardanti statement tal-account number 40010443824 li jgħajjat lil Dolphin Film Productions Limited. Dan il-kont infetah fis-27 ta' Marzu 2001 u ngħalaq fis-26 ta' Awissu 2003.

14. Fl-istess ġurnata xehed ukoll **Raymond Gatt** li qal illi huwa partner fil-kumpanija Gatt Galea and Co li huma certified public accountants. Lill-imputat Patrick Spiteri jafu u dan fil-qasam professjonali. Xehed illi xi ħmistax-il sena qabel, l-imputat kien uża s-servizzi tiegħu. Fir-rigward tal-kumpanija Dolphin Film Production Ltd huwa kien ġie inkarigat mill-imputat Patrick Spiteri u Luigi Riitano biex jipprepara l-VAT returns. Xehed illi t-tlett VAT return li kien mela għan-nom ta' din il-kumpanija kienu għall-perjodi 1 ta' Marzu 2001 sa' 31 ta' Mejju 2001, 1 ta' Gunju 2001 sal-31 ta' Awissu 2001 u 1-1 ta' Settembru 2001 sat-30 ta' Novembru 2001. Huwa rigward l-ewwel perjodu illi kien hemm claim ta' refund filwaqt li t-tnejn l-oħra kienu *nil returns.* Il-claim għar-refund kien rigwardanti l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf tlett mija u erbgħa u sebgħin liri Maltin u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm 21,374.68c). Mistoqsi mill-Uffiċjal Prosekutur jekk kienx hemm xi problemi bejn l-imputat u Luigi Riitano ix-xhud qal illi hu ma' jaf xejn dwar dan. Meta ġie biex jikkompila dawn il-VAT returns ma' kellu l-ebda problemi biex jagħmel tali kumpilazzjoni għaliex kellu I-invoices kollha available. Id-dokumentazzjoni relattiva ġabarha mingħand certu Conrad Vella. Ix-xhud qal ukoll illi r-*refund* kien tħallas u jaf b'dan għaliex meta Luigi Riitano kien qiegħed Malta, mar il-VAT Department biex jiċċekkja u sab li filfatt iċ-ċekk kien ħareġ mid-Dipartiment. Riitano infurma b'dan kollu lix-xhud. Ix-xhud qal illi Riitano ma' qallux jekk kienx tħallas hu jew inkella kienx tħallas ħaddieħor. Qallu biss li dan ir-refund kien tħallas.

15. Fil-31 ta' Jannar 2007 reġa' xehed **Joseph Borg Cardona** in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. fejn dan wara li kien ġie mitlub sabiex jagħmel riċerka rigwardanti bank account numru 1194 7740014 f'isem Stanley Mark Brooks, ippreżenta Dok JCB 1 f'dan ir-rigward u kif ukoll Dok JCB 2 li hija l-formola għall-ftuħ tal-kont.

16. Fl-1 ta’ Diċembru 2008 xehed **Paul Scicluna** in rappreżentanza tal-VAT Department fejn *inter alia* esebixxa kopji ta’ ħdax-il denunzja li kienu ġew sottomessi minn Dolphin Film Productions Limited (Dok PS1 sa’ Dok PS 11). Dawn ikopru l-perjodu mill-1 ta' Marzu 2001 sat-30 ta' Novembru 2003. Hija l-ewwel denunzja biss li tikkontjeni figuri (filfatt din tirreferi għall-kreditu dovut lill-kumpanija Dolphin Film Productions Limited ta’ Lm 21,374.68, mentri d-denunzji l-oħra kienu kollha *nil returns*. Qal illi l-ammont li ġie rifuż lill-kumpanija imsemmija kien dak ta’ € 53,248.70 (ossia Lm 22,859.67) – ara fol 263.

17. Fil-21 ta’ Novembru 2019 xehdet **Dr. Claudette Fenech** għan-nom tar-Reġistratur tal-Kumpaniji u esebiet il-*Memorandum and Articles of Assocation* tal-kumpanija Foresight Investments Limited li ġġib in-numru tar-reġistrazzjoni C27796.

18. Finalment fis-27 ta’ Lulju 2020 xehdet **Dr. Abigail Camilleri** għan-nom tal-Malta Business Registry u esebiet il-*Memorandum and Articles of Assocation* tal-kumpanija Foresight Holdings Limited li ġġib in-numru tar-reġistrazzjoni C16755.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-provi mressqa**

19. Sabiex jiġi pprovat ir-reat ta’ approprjazzjoni indebita aggravata ikkontemplata fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova li:

    1. **L-imputat irċieva flus jew xi ħaġa oħra mobbli mingħand xi ħadd.** Il-pussess tal-haġa jrid ikun ġie trasferit lill-imputat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur tal-ħaġa. It-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta’ ghaliex f’dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni indebita.
    2. **Minħabba l-professjoni ossia’ kariga jew servizz tiegħu**,
    3. **Taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat**,
    4. **L-imputat għamel tiegħu l-haġa cioe` approprja ruħu minnha, jew bieħħa, jew iddistruġġiha jew altrimenti għamel użu divers minnha *a proprio commodo o vantaggio***;
    5. **L-imputat kellu l-intenzjoni li japproprja ruhu mill-ħaġa meta huwa kien jaf li kienet ta’ ħaddieħor**.

20. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. John Gauci</u>** (14/02/1997, Imħallef Victor J. Caruana Colombo) il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) qalet:

*"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta'l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjatlilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsejatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

21. L-awtur Taljan Francesco Antolisei jgħid fir-rigward ta' dan ir-reat illi:

    *"A nostro modo di vedere — conformemente all'opinione che prevale nella nostra dottrina ed a affermata anche nella Relazione del Ministro al Progetto — il delitto di appropriazione indebita costituisce una violazione del diritto di proprieta. La vera essenza del reato, infatti, consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"*[9]

22. Skond l-akkużi, il-*parte civile* f'din il-kawża huma tlieta, ċioe Luigi Riitano, il-kumpanija estera Once upon a Time Films u Stanley M. Brooks. L-unika wieħed mill-*parte civile* li xehed kien Luigi Riitano, liema xhieda però ġiet sfilzata mill-Qorti ġaladarba dan ma' ppreżentax ruħu għall-kontroeżami tiegħu minkejja li ngħata diversi żmien biex jagħmel hekk. Fl-assenza tax-xhieda tal-*parte civile* u tal-istqarrija tal-imputat (li anke din ġiet sfilzata mill-Qorti), il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat, inkluż allura x-xhieda tal-Assistent Kummissarju Ian Abdilla, huma biss detto del detto li semmai setgħu biss jikkorroboraw ix-xhieda tal-parte civile li kieku din ingħatat. Però tali provi waħedhom ċertament mhux biżżejjed biex jindikaw ħtija.

---

[9] Antolisei, F., & Grosso, C. (2008). Manuale di diritto penale. A. Giuffre.

23. Issa l-Qorti tifhem illi l-Prosekuzzjoni kellha kompitu diffiċli ħafna f'din il-kawża sabiex tagħmel xogħolha kemm minħabba ċ-ċirkostanzi li wasslu għad-dewmien twil fuq imsemmi kif ukoll għal raġunijiet oħra inkluż dik li l-iktar xhud importanti tagħha ("star witness") naqas milli jippreżenta ruħu għall-kontroeżami tiegħu, bil-konsegwenzi kollha li dan in-nuqqas ġab miegħu. Madanakollu l-Qorti tħossha fid-dover li tirrimarka li anke li kieku din ix-xhieda ma' ġietx sfilzata, il-Prosekuzzjoni xorta waħda ma' kienetx tkun f'posizzjoni li tipprova l-każ tagħha.

24. Mill-assjem tal-provi miġbura f'din il-kawża l-Prosekuzzjoni ma' rnexxieliex tissodisfa l-ebda element rikjest sabiex jirrafigura ruħu r-reat in kwistjoni. Ibda biex l-imputat ma' rċieva xejn mingħand ħadd iżda kienet il-kumpanija Dolphin Film Productions Limited (kumpanija li inċidentalment kienet tappartjeni lil kumpanija bl-isem ta' Foresight Investments Ltd għajr għal sehem wieħed li kien jappartjeni lill-imputat fiż-żmien in kwistjoni – liema kumpanija kienet tappartjeni nofs bin-nofs lil Raymond Spiteri u lil kumpanija oħra bl-isem ta' Foresight Investments Ltd b'din tal-aħħar tappartjeni nofs bin-nofs lill-imputat u lil Sylvana Spiteri) li rċeviet it-*tax refund* mill-VAT Department. Naturalment imbagħad l-imputat irċieva dawn il-flus mill-bank meta mar biex jiġbidhom. Inoltre, hawnhekk si tratta ta' somma ta' flus trasferiti bħala ħlas (kwindi kien hemm **it-trasferiment tad-dominju** tagħhom) mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-kumpanija Dolphin Film Productions Limited **bħala rifużjoni tal-VAT imħallsa minnha fuq spejjeż tagħha u kwindi mhux taħt xi titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat**. Din is-somma imbagħad inġibdet mill-imputat. Jista' jkun il-każ illi kien hemm xi ftehim bejn il-*parte civile* u l-imputat fuq x'kellu jiġri minn din is-somma ta' flus darba tidħol fil-kont tal-kumpanija **mingħand ħaddieħor**, però kwalunkwe ksur ta' dan il-ftehim ma' kienx iġib miegħu responsabiltà' kriminali iżda semmai responsabiltà' ċivili li kellha tiġi indirizzata biss f'Qorti Ċivili u mkien iżjed. Dan biex ma' jingħadx ukoll illi ma' nġabet l-ebda prova konklussiva ta' min kienu l-*parte civile* f'din il-kawża.

**Deċiżjoni**

25. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma' ssibx lill-imputat hati tal-akkuża miġjuba kontrih u għaldaqstant tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur